REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 729/2008

tat-28 Lulju 2008

li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru ta' l-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti [Czwórniak (STG), Dwójniak (STG), Półtorak (STG), Trójniak (STG)]

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 509/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel li huma speċjalitajiet tradizzjonali garantiti [traduzzjoni mhux uffiċjali] [1], u b'mod partikolari l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, it-talbiet imressqa mill-Polonja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjonijiet "Czwórniak", "Dwójniak", "Półtorak" u "Trójniak" kienu ppubblikati fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* [2].

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skond l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, dawn id-denominazzjonijiet għandhom ikunu rreġistrati,

(3) Ma ntalbitx il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjonijiet li jidhru fl-Anness ta' dan ir-Regolament huma b'dan irreġistrati.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28 ta' Lulju 2008.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 1.
[2] ĠU C 266, 8.11.2007, p. 27, rettifikat fil-ĠU C 83, 2.4.2008, p. 10 (Czwórniak), ĠU C 268, 10.11.2007, p. 22, rettifikat fil-ĠU C 43, 16.2.2008, p. 37 (Dwójniak), ĠU C 267, 9.11.2007, p. 40, rettifikat fil-ĠU C 83, 2.4.2008, p. 10 (Półtorak), ĠU C 265, 7.11.2007, p. 29, rrettifikat fil-ĠU C 83, 2.4.2008, p. 10 (Trójniak).

ANNESS

Prodotti elenkati fl-Anness I għat-Trattat tal-KE maħsuba għall-ikel uman

Klassi 1.8. Prodotti oħrajn ta' l-Anness I għat-Trattat tal-KE

Czwórniak (STG)

Dwójniak (STG)

Półtorak (STG)

Trójniak (STG)